**Stqarrija għall-Aħbarijiet |** 4 t'April, 2016

# 55 skola f'Malta jiġu rikonoxxuti għax-xogħol tagħhom biex jipproteġu l-istudenti onlajn

L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA), b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-eLearning illum organizzat attività fejn skejjel li ġew akkreditati l-'eSafety Label' ġew rikonoxxuti uffiċjalment. 55 skola ġew ippreżentati b'ċertifikat li jirrifletti l-livell milħuq li jvarja bejn bronż, fidda u deheb li huwa rifless ta' proċeduri u politika addottata fl-iskola biex tipproteġi l-istudenti tagħha onlajn. Kull skola akkreditata ingħatat plakka biex titwaħħal fl-iskola tagħhom.

Iċ-ċerimonja tal-għoti taċ-ċertifikati seħħet ġewwa l-Kulleġġ San Tumas More f'Ħal Tarxien. Preżenti kien hemm il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Impjiegi, l-Onor. Evarist Bartolo, is-Segretarju Parlamentari għall-Kompetittività u t-Tkabbir Ekonomiku, l-Onor. José Herrera flimkien maċ-Ċermen tal-MCA, l-Avukat Edward Woods.

F'kull pajjiż, tfal u żgħażagħ qed iġorru magħhom apparat li maż-żmien qed isir iktar b'saħħtu fejn qed joħolqu rabta ma' siti soċjali, jibnu l-komunitajiet tagħhom onlajn kif ukoll jikkreaw u jaqsmu kontenut. Illum il-ġurnata, f'din l-era diġitali, tillimita l-użu tat-teknoloġija biex tipproteġi tfal u żgħażagħ mhuwiex prattiku imma tista' taħdem kontra fejn tidħol l-edukazzjoni formali kif ukoll taffettwa l-iżvilupp tagħhom. Biex tappoġġja l-iskejjel fl-isforzi tagħhom biex jippermettu lill-istudenti igawdu d-dinja virtwali, European Schoolnet waqqfet l- 'eSafety Label', akkreditazzjoni għall-iskejjel madwar l-Ewropa. Dan juri pass kbir 'il quddiem fl-isforzi biex jiżviluppaw *standards* għoljin ta' sigurtà u jipprovdu soluzzjonijiet prattiċi lejn din l-isfida.

Waħda mir-responsabilitajiet tal-MCA hija li jsir progress fis-soċjetà diġitali, inkluż l-użu sigur u intelliġenti tal-Internet minn minorenni. Matul is-snin, l-MCA, flimkien mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal, Aġenzija Appoġġ u d-Direttorat għal Servizzi Edukattivi, ġiet ikkoordinata l-implimentazzjoni tal-BeSmartOnline!, proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea.

Minn Jannar li għadda, l-MCA żiedet il-ħidma tagħha f'dan il-qasam u ġiet rikonoxxuta bħala l-amministratur nazzjonali tal-eSafety Label. L-Onor Herrera qal li "l- MCA, flimkien ma' msieħba oħra, kienet fuq quddiemnett biex tqajjem kuxjenza dwar ir-riskji assoċjati mal-użu tal-internet. Bla dubju, din l-inizjattiva għenet biex l-objettiv jintlaħaq u tefgħet iktar dawl fuq dan il-kunċett biex ikun żgurat li t-tfal jisfruttaw kull opportunità biex jitgħallmu jagħmlu użu mill-għodda diġitali u jagħrfu l-vantaġġi li toffri t-teknoloġija disponibbli fl-iskejjel".

Skejjel li jixtiequ jiksbu dan ir-rikonoxximent jistgħu jagħmlu dan billi jidħlu fuq is-sit www.esafetylabel.eu fejn jiġu gwidati permezz ta' numru ta' servizzi li jinkludu mekkaniżmu ta' awtovalutazzjoni li tkun segwita minn pjan ta' azzjoni personalizzata u ta' gwida biex isaħħu l-proċeduri tagħhom f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, l-iskejjel diġà akkreditati jistgħu jibbenefikaw minn firxa wiesgħa ta' riżorsi u minn komunità onlajn li se tippermettilhom li jaqsmu l-ideat u l-esperjenzi tagħhom ma' korrispondenti minn pajjiżi oħra.

Skejjel li jixtiequ aktar tagħrif jistgħu jżuru s-sit www.esafetylabel.eu. F'każ ta' diffikultajiet u mistoqsijiet, wieħed jista' jikkuntattja l-MCA fuq 21336840.

Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lil:
Sharon Scerri, Koordinatur tar-Relazzjonijiet mal-Media u l-Komunikazzjoni Online, Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Imejl: sharon.scerri@mca.org.mt
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Valletta Waterfront, ix-Xatt ta' Pinto, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840

BESMARTONLINE!

Il-programm BeSmartOnline! hija inizzjattiva nazzjonali li tagħqqad l-isforzi ta' diversi entitajiet nazzjonali li jaħdmu lejn it-twaqqif ta' Ċentru Sigur dwar l-Internet f'Malta (Safer Internet Centre). Dan il-proġett hu ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Programm *Safer Internet* li l-mira tagħha hi li tipproteġi tfal u żghażagh onlajn billi ttihom aktar għarfien. Tagħmel dan ukoll permezz ta' numru ta' inizjattivi li jqajjmu aktar kuxjenza. Hija tirsisti wkoll biex tqajjem kuxjenza u teduka tfal u żgħażagħ, ġenituri, kustodji u edukaturi dwar l-użu sigur tal-Internet mit-tfal u tipprovdi appoġġ permezz ta' helpline billi jċemplu 179, u tipprovdi hotline li permezz tiegħu il-pubbliku jista' jirraporta dwar kontenut illegali onlajn fuq www.besmartonline.org.mt

Co-funded by
the European Union

PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR
COMPETITIVENESS AND ECONMIC GROWTH

Department of eLearning
Directorate for Quality and Standards in Education

Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lil:
Sharon Scerri, Koordinatur tar-Relazzjonijiet mal-Media u l-Komunikazzjoni Online, Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Imejl: sharon.scerri@mca.org.mt
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Valletta Waterfront, ix-Xatt ta' Pinto, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840